TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

**Simone Scerri**

**Vs**

**Tyrone Farrugia**

**CCT 69/22/MM**

**Illum,** 31 ta' Diċembru 2024

**It-Tribunal**

Ra l-avviz tar-rikorrentipprezentat fl-4 ta' Mejju 2022 fejn talbet is-somma ta' elf tmien mija u tlieta u sebgħin ewro (€1,873), f'danni rappreżentanti xogħolijiet mhux imwettqa minnu, xogħolijiet mhux imwettqa skont is-sengħa u l-arti kif ukoll danni subiti mill-attriċi għal inkarigu għal darb' oħra ta' ħaddieħor li din ser ikollha tingaġġa għat-tlestija tax-xogħolijiet.

Ra r-risposta tal-intimat.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Sema' x-xhieda bil-ġurament.

Ra n-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

**Ikkunsidra**

Illi r-rikorrenti għamlet kuntratt ta' appalt mal-intimat sabiex iwettaq xogħolijiet ta' kisi, tweħħil ta' ġypsum, dawl u żebgħa ġewwa l-fond 43, Triq il-Bwar, Ħal Għaxaq. Illi r-rikorrenti tilmenta li x-xogħol ma sarx kollu u xi xogħol baqa' ma sarx u għalhekk hija ser tidħol fi spejjeż addizzjonali biex appaltatur ieħor ilesti x-xogħol meħtieġ u jirrimedja x-xogħol li sar ħażin mill-intimat.

Illi l-intimat jagħti stampa kompletament opposta u jilmenta li l-attriċi kienet ostili miegħu tant li kellu joħroġ mill-fond u jagħmel rapport l-għassa tal-pulizija. Jgħid ukoll li mhux talli m'għandux jirrifondi xi flus iżda huwa għandu jiġbor madwar elfejn ewro oħra (€2,000) mingħand ir-rikorrenti.

Illi t-Tribunal ra r-rapport tal-Perit Neil Felice *ex parte* u r-relazzjoni tal-Perit Michael Lanfranco maħtur minn dan it-Tribunal. Il-konklużjoni tal-Perit Lanfranco hija li fil-ftehim li sar bejn il-partijiet u ċioe' l-isitma maħruġa mill-intimat fl-4 ta' Jannar 2021, huwa ċar li ma kien hemm ebda data ta' kompletazzjoni li ġiet miftehma bejn il-partijiet. Illi l-Perit Lanfranco jinnota li l-partijiet jaqblu li saru xi ħlasijiet fl-ammont ta' €3,950 mir-rikorrenti u €650 mill-intimat għall-bozoz. Illi l-Perit Lanfranco jikkonkludi li t-toal dovut lill-intimat għal xogħolu huwa ta' €3,859.70 u għalhekk jikkonkludi li l-attriċi ħallset €90.30 iktar milli kellha tħallas. Illi t-Tribunal jinnota li l-Perit Lanfranco ma setax jirrelata dwar xi prezzijiet ser jiswa lir-rikorrenti biex tingaġġa lil xi ħadd ieħor mill-ġdid stante li dan huwa argument ipotetiku.

Illi il-piż probatorju ta' opinjonijiet ta' natura teknika huwa wieħed konkordi u ormai ben kristalizzat. Kif ingħad fil-każ **A.F. Ellis (Home Decor) Limited vs Raymond Azzopardi et deċiż fil-15 ta' Mejju 2014** *"Fis-sentenza tagħha tad-19 ta` Novembru 2001 fil-kawża*

*"**Calleja vs Mifsud**", il-Qorti tal-Appell qalet hekk – Kemm il-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku nominat mill-Qorti kif ukoll il-konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti tiegħu jikkostitwixxu skond il-liġi prova ta` fatt li kellhom bħala tali jigu meqjusa mill-Qorti. Il-Qorti ma kenitx obbligata li taċċetta r-rapport tekniku bħala prova determinanti u kellha dritt li tiskartah kif setgħet tiskarta kull prova oħra. Mill-banda l-oħra pero', huwa ritenut minn dawn il-Qrati li kellu jingħata piż debitu lill-fehma teknika ta' l-espert nominat mill-Qorti billi l-Qorti ma kellhiex leġġerment tinjora dik il-prova. Hu manifest mill-atti u hu wkoll sottolinejat fir-rikors ta' l-appell illi l-mertu tal-preżenti istanza kien kollu kemm hu wieħed ta' natura teknika li ma setax jiġi epurat u deċiż mill-Qorti mingħajr l-assistenza ta' espert in materja. B'danakollu dan ma jfissirx illi l-Qorti ma kellhiex tħares b'lenti kritika lejn l-opinjoni teknika lilha sottomessa u ma kellhiex teżita li tiskarta dik l-opinjoni jekk din ma tkunx waħda sodisfaċentement u adegwatament tinvesti l-mertu, jew jekk il-konklużjoni ma kenitx sewwa tirriżolvi l-kweżit ta' natura teknika.*

*In linea ta` prinċipju, għalkemm qorti mhix marbuta li taċċetta l-konklużjonijiet ta` perit tekniku kontra l-konvinzjoni tagħha (dictum expertorum numquam transit in rem judicata), fl-istess waqt dak ma jfissirx pero` illi qorti dan tista' tagħmlu b' mod leġġer jew kapriċċjuż. Il-konvinzjoni kuntrarja tagħha kellha tkun ben informata u bażata fuq raġunijiet li gravament ipoġġu fid-dubju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b' raġunijiet li ma għandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni ta` l-aspett tekniku tal-materja taħt eżami ("**Grima vs Mamo et noe**" – Qorti tal-Appell – 29 ta' Mejju 1998).*

*Jiġifieri qorti ma tistax tinjora r-relazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li l-konklużjoni ta` tali relazzjoni ma kienetx ġusta u korretta. Din il-konvinzjoni pero` kellha tkun waħda motivata minn ġudizzju ben informat, anke fejn meħtieġ mil-lat tekniku. ( ara - "**Cauchi vs Mercieca**" – Qorti tal-Appell – 6 ta` Ottubru 1999 ; "**Saliba vs Farrugia**" –*

*Qorti tal-Appell – 28 ta` Jannar 2000 ; "**Tabone vs Tabone et**" – Qorti tal-Appell – 5 ta` Ottubru 2001 ; "**Calleja noe vs Mifsud**" – Qorti tal-Appell – 19 ta` Novembru 2001 ; `**Attard vs Tedesco et**` - Qorti tal-Appell – 1 ta` Ġunju 2007 u "**Poll & Spa Supplies Ltd vs Mamo et**" (Qorti tal-Appell Inferjuri – 12 ta` Diċembru 2008).*

*Din il-Qorti tirribadixxi li l-giudizio dell`arte espress mill-perit tekniku ma jistax u ma għandux, aktar u aktar fejn il-parti nteressata ma tkunx ipprevaliet ruħha mill-fakolta` lilha mogħtija ta' talba għan-nomina ta` periti addizzjonali, jiġi skartat faċilment, ammenokke` ma jkunx jidher sodisfaċentement illi l-konklużjonijiet peritali huma, fil-kumpless kollha taċ-ċirkostanzi, irraġonevoli" – ("**Bugeja et vs Muscat et**" – Qorti tal-Appell – 23 ta` Ġunju 1967)."*

Fid-dawl ta' dan kollu suespost dan it-Tribunal jidhirlu li hemm aspetti li jikkonvinċuh sabiex ma jistrieħx kompletament fuq il-prova ossia r-rapport tal-Perit Lanfranco u dan stante li hemm aspetti li fil-konklużjonijiet ta' tali rapport ma humiex indirizzati.

**Ikkunsidra**

Illi dan it-Tribunal jinsab rinfaċċjat b'kunflitt ta' provi għal dak illi jolqot il-mertu tal-kawza u ċioe dwar min mill-partijiet huwa responsabbli għall-akkadut.

L-Artikolu 562 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi illi "l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah" waqt illi l-Artikolu 559 tal-Kap. 12 jipprovdi illi, "Il-qorti għandha fil-każijiet kollha tordna li ssirilha l-aħjar prova li l-parti tista' ġġib."

Konfrontata b'kunflitt ta' provi t-Tribunal irid jgħarbel liema verżjoni hija tassew l-aktar waħda kredibbli. Kif ingħad fil-prinċipji ta' dritt traċċjati aktar 'il fuq, it-Tribunal irid jagħmel evalwazzjoni dwar jekk verżjoni waħda teskludix l-oħra. Fil-każ tal-lum l-ebda verżjoni ma tista' tiskredita lill-oħra. Insab ravvisat fid-decizjoni fl-ismijiet "**Carmelo Farrguia –vs- Rokku Farrugia**", Prim' Awla, Qorti Civili, per Imhallef Maurice Caruana Curran, 24 ta' Novembru 1966, *"il-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant."*

Illi fil-mertu, huwa prinċipju assodat illi l-partijiet f'kuntratt tal-appalt jistgħu jinħallu mill-obbligi kuntrattwali tagħhom unilateralment mingħajr ebda obbligu li jagħtu raġunijiet wisq inqas raġunijiet validi għal dan: l effetti tat-teminazzjoni tal-kuntratt ta ' appalt jinsabu regolati mill-Artikolu 1640 tal Kodiċi Civili li jipprovdi illi min jagħti x-xogħol jista' jħoll, meta jrid, il-kuntratt, għalkemm ix-xogħol ikun diga` beda.

It-Tribunal josserva illi din id-dispożizzjoni legali tikkostitwixxi deroga mill-prinċipju fondamentali tal-liġi tal-kuntratti illi f'kuntratt bilaterali jew sinallagmatiku, l-ebda waħda mill-partijiet ma tista' unilateralment tiddeċiedi li tħoll rabta kuntrattwali magħmula ma' parti ohra. Fil-kuntratt partikolari tal-appalt, il-liġi trid li min jagħti x-xogħol, cioe` l appaltant, f'dan il-każ ir-rikorrenti, jista' jagħżel li jħoll il-kuntratt meta jrid, tant illi l-liġi tippermetti espressament li l-ħall jista' isir anke jekk ix-xogħol ikun inbeda diga'. B' żi eda ma' dan, il-ligi tipprovdi wkoll illi l-appalt jinħall immedjatament malli min ikun ta' x-

xoghol jinforma lill appaltatur, b'kull mezz li jkun, bid-deċiżjoni tiegħu li jħoll il-kuntratt, u dan bla ħtieġa ta' ebda awtorita` jew konferma mill-qorti. Din l-għażla jkollha effett minnufih malli jingħata avviż lill-appaltatur, ikun kif ikun anke verbalment.

Illi madankollu, f'kaz bħal dan, hija relevanti ferm ir-raġuni għaliex il-komittent tax-xogħol jagħmel għażla bhal din, u dan għaliex jekk ikollu raġuni tajba biex itemm l-appalt, ikun obbligat biss li jħallas lill-appaltatur somma rappreżentanti l-ispejjeż tal-appaltatur u l-valur tax-xogħol wara li jittieħed qies tal-utilita` tagħhom kif ukoll id-danni li jkun sofra l-istess komittent.

Illi t-Tribunal huwa tal-fehema li r-rikorrenti kellha raġuni valida li tittermina l-appalt stante li minħabba ċirkostanzi li nqalaw, ix-xogħol ma setax jitlesta fi żmien raġonevoli. Għalkemm kif tajjeb josserva l-Perit Lanfranco, il-partijiet ma ftehmux fuq data ta' kompletazzjoni, biss, dan ma jfissirx li l-appaltatur jista' jdum kemm irid biex ilesti x-xogħol mingħajr l-ebda akkontabilita'. Illi l-Artikolu 993 tal-Kodiċi Ċivili, Kap 16 tal-Liġojiet ta' Malta jgħid li l-kuntratti għandhom jiġu esegwiti bil-bona fidi, u jobbligaw mhux biss għal dak li jingħad fihom, iżda wkoll għall-konsegwenzi kollha li ġġib magħha l-obbligazzjoni skont ix-xorta tagħha, bl-ekwità, bl-użu jew bil-liġi. Illi fil-fehema tat-Tribunal, tenut kont tan-natura tal-appalt, id-dewmien ġol-fond tar-rikorrenti ma kienx ġustifikat u għalhekk ir-rikorrenti għandha d-dritt li tittermina l-appalt.

Għalhekk ir-rikorrent hija obbligata biss li tħallas lill-appaltatur somma rappreżentanti l-ispejjeż tal-appaltatur u l-valur tax-xogħol wara li jittieħed qies tal-utilita` tagħhom kif ukoll id-danni li tkun sofriet l-istess komittenti. Illi fuq dan il-punt, ir-rikorrenti ssostni li l-intimat għandu jagħmel tajjeb għal prezzijiet li ser jiswa lir-rikorrenti biex tingaġġa lil xi ħadd ieħor

mill-ġdid. Illi l-Perit Lanfranco kien korrett li ma jidħolx f'argument ipotetiku, stante li kif ingħad aktar il-fuq, il-piż tal-prova huwa fuq minn jallega. Fil-fehema tat-Tribunal, ir-rikorrent naqset milli tissostanzja l-allegazzjonijiet bi provi konkreti, u kien jispetta lir-rikorrenti tresssq provi tajbin u suffiċjenti biex tikkonvinċi lil Perit Lanfranco li x-xogħolijiet oriġinarjament appaltati lill-intimat ser jiswew iżjed biex jitlestew. Dan seta jsir billi jiġu preżentati stimi mingħand terzi. Illi minn naħa l-oħra, t-Tribunal ma jistax jinjora li l-Perit Neil Felice *ex parte* jaċċena għal dan il-fatt u ċioe' li issa r-rikorrenti ċertament ser tħallas iżjed u għalhekk ser tbaghti d-danni. Għalhekk it-Tribunal ser jagħddi biex jilqa' t-talba parzjalment u jillikwida ammont *arbitro bon viri* u qiegħad jistabbilixxi l-ammont ta' kumpens *arbitrio boni viri* fis-somma ta' disa' mitt ewro ewro (€900) li tagħmel tajjeb għaż-żieda fil-prezzijiet li ser ikollha tħallas ir-rikorrenti biex tingaġġa appaltatur ġdid biex ilesti x-xogħol b'suċċess. Dan l-ammont qiegħad jieħu in konsiderazzjoni il-kostazzjonijiet tal-Perit Lanfranco.

**Deċiżjoni**

Għall-motivi senjalati dan it-Tribunal qieghed parzjalment jilqa' t-talba tar-rikorrenti u konsegwentement wara Ii qies iċ-ċirkostanzi kollha u ra d-dokumenti kollha esebiti, jilqa' parzjalment it-talba rikorrenti u jordna lill-intimat iħallas lir-rikorrenti l-ammont illikwidat *arbitro bon viri* ta' disa' mitt ewro (€900) u fi żmien ħmistax-il jum mil-lum.

L-ispejjez ta' din is-sentenza a karigu tal-intimat.

**Avv. Dr Martha Mifsud**

**Arbitru**